

31.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 2233/2013 imressqa minn Joost Maas, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar l-awtorizzazzjoni ta' għelejjel ġenetikament modifikati fl-UE

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jgħid li l-maġġoranza ta' ċittadini tal-UE ma jaqblux mat-tkabbir ta' għelejjel u prodotti ġenetikament modifikati. Huwa jistaqsi, għaldaqstant, kif huwa possibbli li numru dejjem jżdied ta' "varjetajiet ta' qamħirrum modifikat (eż. SmartStax, Mon 810 u Pioneer Hi-bred 1507) ġie awtorizzat fl-UE. Sa f'it żmien ilu, pereżempju, Mon 810 kien ipprojbit fl-UE. Issa, it-trab tad-dakra tiegħu qed jinxtred għal pjanti oħra u jispiċċa fl-għasel li, skont il-petizzjonant, jagħmel il-ħsara. Il-petizzjonant jistieden lill-Parlament Ewropew jipprojbixxi mill-ġdid l-għelejjel ġenetikament modifikati. Huwa jqis li l-membri parlamentari eletti mi-ċittadini għandhom jirrispettaw ir-rieda tal-poplu. Jekk le, il-poplu jitlef il-fiduċja fid-demokrazija u faċilment ikollu l-impressjoni li d-demokrazija qed tiġi pperikolata mill-korruzzjoni u l-lobbying.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-18 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-31 ta' Jannar 2015

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tipprevedi qafas regolatorju definit sew dwar l-organiżmi ġenetikament modifikati, u b'mod partikolari d-Direttiva 2001/18/KE¹ u r-Regolament (KE) Nru 1829/2003² Skont dan il-qafas, li huwa rikonoxxut bħala wieħed mill-iktar stretti fid-dinja kollha, kwalunkwe organizzmu ġenetikament modifikat, qabel ma jitqiegħed fis-suq tal-UE, irid jiġi sottopost għal valutazzjoni tas-sikurezza każ b'każ tal-ogħla standard possibbli sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali u l-ambjent.

Din il-valutazzjoni tar-riskji hija mwettqa mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), li hija aġenzija xjentifika indipendenti mill-Kummissjoni u stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Bord speċifiku tal-EFSA għall-OĠM, korp kompost minn xjentisti indipendenti ta' fama, magħżula għall-kompetenzi tagħhom fl-oqsma rilevanti, huwa responsabbli għall-evalwazzjoni. Il-Bord huwa assistit minn esperti ad hoc u x-xogħol tiegħu huwa bbażat fuq metodi miftiehma internazzjonalment.

S'issa, hemm biss għalla waħda ġenetikament modifikata li hija kkultivata kummerċjalment fl-UE: qamħirrum MON 810. Ir-rilaxx fl-ambjent ta' dan l-OĠM ġie awtorizzat fl-1998, wara valutazzjoni bir-reqqa tar-riskju li turi s-sikurezza tiegħu, li ġiet ikkonfermata minn valutazzjonijiet sussegwenti b'mod partikolari fir-rigward tat-trab tad-dakra tiegħu³

Fir-rigward ta' qamħirrum OĠM l-oħra msemmija mill-petizzjonant, SmartStax ġie awtorizzat għall-użu fl-ikel u fl-għalf f'Novembru 2013 iżda mhux għall-kultivazzjoni, u Pioneer Hi-bred 1507 qatt ma ġie awtorizzat għall-kultivazzjoni s'issa.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tħassib espress mill-petizzjonant dwar il-pożizzjoni taċ-ċittadini tal-UE rigward it-tkabbir ta' għelejjel immodifikati ġenetikament, il-Kummissjoni hija konxja li l-kultivazzjoni ta' għelejjel ġenetikament modifikati hija sors ta' tħassib f'ċerti Stati Membri. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni f'Lulju 2010 għamlet proposta leġiżlattiva li tippermetti lill-Istati Membri li jikkunsidraw aħjar il-kuntest nazzjonali tagħhom u l-fehmiet taċ-ċittadini tagħhom billi tagħtihom il-possibbiltà li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni ta' OĠM fit-territorju tagħhom għal raġunijiet oħra għajr riskji għas-saħħa u l-ambjent⁴ Il-Parlament Ewropew adotta opinjoni fl-ewwel qari dwar din il-proposta f'Lulju 2011. Il-Kunsill qabel dwar pożizzjoni komuni f'Ġunju 2014. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill sabu ftehim fit-tieni qari f'Diċembru 2014, li jippermetti l-adozzjoni finali tal-proposta leġiżlattiva f'Jannar 2015. Għalhekk l-Istati Membri se jkun jistgħu jużaw id-dispożizzjonijiet ta' din il-leġiżlazzjoni l-ġdida biex jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni ta' OĠM fit-territorju tagħhom matul l-2015.

Konklużjoni

Is-sistema regolatorja tal-UE għall-OĠM hija meqjusa bħala waħda fost l-aktar stretti fid-dinja f'dak li jirrigwarda l-approvazzjoni ta' OĠM. Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ li tiżgura d-dritt taċ-ċittadini tal-UE għas-sigurtà billi tiżgura li l-OĠM għall-użu bħala ikel u

¹ Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE, ĠU L 106, 17.4.2001

² Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament, ĠU L 268, 18.10.2003.

³ <http://www.efsa.europa.eu/fr/efsajournal/pub/3022.htm>

⁴ http://ec.europa.eu/food/plant/gmo/legislation/docs/proposal_en.pdf

għalf jiġu awtorizzati fl-UE biss meta ma jkunx probabbli li jkollhom effetti avversi fuq is-saħħa tal-bnedmin u l-annimali jew fuq l-ambjent, u li l-valutazzjoni tar-riskju titwettaq skont l-ogħla standards xjentifiċi, u b'indipendenza u trasparenza sħaħ.